MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Numru. 1275/2010

**Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**vs**
**Digor Sultana**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Digor Sultana ta' 21 sena, bin Emanuel u Gaetana nee' Perrone, imwieled Pieta' fit-23 ta' Gunju 1989 u residenti Blk B Flt 6, Corradino Flats, Triq Kordin, Paola u detentur tal-karta tal-identita' numru 279989(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar is-27 ta' Dicembru 2009 bejn is-1900hrs u l-2200hrs gewwa Burger King, sitwat f'City Gate Arcades, Misrah Helsien, Valletta, bhala haddiem li dahal fih minhabba s-sengha, professjoni jew impjieg tieghu,
1. ikkommetta serq ta' mobile ta' l-ghamla Nokia 5800d ta' valur li jeccedi €232.94 izda ma jeccedix il-valur ta' €2329.37, liema serq huwa kkwalifikat bil-'Valur', bil-

‘Persuna’ u bil-‘Hin’ ghad-detriment ta’ Matthew Bianco detentur tal-karta ta’ l-identita’ 581692(M) u dan bi ksur ta’ Artikoli 261(c)(d)(f), 267 u 268(d) ta’ Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta’ Frar 2011 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-3 ta’ Frar 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-18 ta’ Marzu 2011 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li ghandu fedina penali nadifa u kkunsidrat ukoll l-fatt li l-ammont in kwistjoni thallas mill-imputat lill-parti civili.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261 (c)(d) u (f), 267 u 268(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap.

446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena(1) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------